**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sergio Pisani)**

**vs**

**Carlo Stivala**

**Kumpilazzjoni numru 351/2016**

**Illum 10 ta' Lulju, 2017**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carlo Stivala** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 23589 (M) billi huwa akkuzat talli nhar it-8 ta' Lulju 2016 ghall- habta ta' 17:50 hrs gewwa Triq ix-Xatt, Gzira u bnadi ohra f' dawn il-gzejjer:

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jaġixx ghall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuna ta' PC 1289 Andrei Cassar Bonaci,

u dan ai terminu tal-artikolu 96 tal- Kodici Kriminali,Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni w ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' feriti gravi fuq il-persuna tal- PC 1289 Andrei Cassar Bonaci, u dan ai terminu tal-artikoli 41 u 216 tal- Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaguna ħsara fil-gisem jew fis-saħħa tal-ufficjal PC 1289 Andrei Cassar Bonaci, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa u dan ai terminu tal-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
4. U aktar talli fl-istess, data, ħin lok u cirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla Chevrolet Captiva bin-numru ta registrazzjoni ELY 029 bmod perikoluż, u dan ai terminu tal-artikolu 15,1 (a) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta.
5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kienu jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod bla jedd indaħal fl-istess dmirijiet billi ma ħalliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jagħmlu dak li b'liġi kienu ordnati li jagħmlu u billi ħassar jew ġab fix-xejn dak li il-membri tal-korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu għamlu u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal- Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq vettura ta' ghamla BMW 1200 RTP numru ta' reg. GVP 701 a detriment tal- Gvern ta Malta liema hsara ma tiskorriex

s- somma ta' €2,500, izda hija izjed minn €250 u dan ai termini tal-Art.325(b) tal- Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal- Ligi Ta' Malta.

7. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi meta sema' jew ra wiehed mill-mezzi ta'twissija akustiċi jew viżwali msemmija fir-regolament 83, nqast li tersaq lejn in-naħa tax-xellug tat-triq, u tieqaf, u dan bi ksur tar-regolament 84 tal-legislazjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta.
8. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi waqt li kien qieghed issuq vettura bil-mutur tal-għamla Chevrolet Captiva bin-numru ta registrazzjoni ELY 029 għall-ġarr tal-passiġġieri, ma kellux it-tag tax- xufier la fl-ispazju mħolli u lanqas fuq il persuna tieghu, u dan bi ksur tar-regolament 22(3) tal-legislazjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta.
9. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura bil–mutur tal-għamla Chevrolet Captiva bin-numru ta registrazzjoni ELY 029 u ma obdiex minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal mogħti jew magħmul mill-Pulizija sabiex jitmexxa t-traffiku jew għal kull raġuni oħra fit-twettiq ta' dmirijiethom u dan bi ksur tar-regolament 124 tal-legislazjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta.
10. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħalla vettura bil-mutur tal-għamla Chevrolet Captiva bin-numru ta registrazzjoni ELY 029 f'xi triq kontra xi regolamenti dwar ipparkjar jew f 'dik il-qagħda jew f'dik iċ-ċirkostanza b'mod li aktarx tista' tkun ta' periklu jew ta' xkiel lil nies oħra li jużaw it-triq u dan bi ksur tar-regolament 74 tal-legislazjoni Sussidjarja 65.11 kif ukoll għal-14 id-dispożizzjoni tat-tieni skeda tal- Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

11.U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħalla vettura bil-mutur tal-għamla Chevrolet Captiva bin-numru ta registrazzjoni ELY 029, li tostakola jew b'xi mod ieħor toħloq xi diżordni jew inkonvenjent f'xi triq, moll, xatt jew post pubbliku ieħor u dan bi ksur tat-12 id-dispożizzjoni tat-tieni skeda tal- Kapitolu 65 kif ukoll tar-regolament 2 tal-legislazjoni Sussidjarja 65.13 tal-Liġijiet ta' Malta.

12.U aktar talli sar recidiv wara li gie ikkundanat ghal-reat b'diveri sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jisthux jiġu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

L-Onorabbli Qorti giet ukoll ġentilment mitluba li f''kaz ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien li il-qorti jidrilha xieraq, u dan skond l-artikolu 15(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

L-Onorabli Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta htija tordna il-konsfiska tal-vettura ta l-ghamla Chevrolet Captiva bin-numru tar-registrazzjoni ELY 029 bhala parti formanti mill-Corpus Delictus ai termini tal Artikolu 23 ta' kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti'

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 28 ta' Novembru, 2016 (esebita a fol. 162 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista'

tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

**a.** Fl-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**b.** Fl-artikoli 41 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**c.** Fl-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**d.** Fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

**e.** Fl-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**f.** Fl-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**g.** Fir-regolament 84 tal-Ligi Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;

**h.** Fir-regolament 22(3) tal-Ligi Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;

**i.** Fir-regolament 124 tal-Ligi Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta;

**j.** Fir-regolament 74 tal-Ligi Sussidjarja 65.11 u fid-dispozizzjoni 14 tat-tieni skeda tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

**k.** Fid-dispozizzjoni 12 tat-tieni skeda tal-Kapitolu 65 u fir-regolament 2 tal-Ligi Sussidjarja 65.13 tal-Ligijiet ta' Malta;

**l.** Fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**m.** Fl-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

**n.** Fl-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

**o.** Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sottomissjonijiet finali bil-kitba maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Il-kaz imur lura ghat-tmienja (8) ta' Awwissu 2016 wara nofsinhar meta l-imputat kien ipparkjat quddiem is-Sliema Hotel jistenna li jghabbi xi persuni. Il-pulizija tat-traffiku PC1289 Andrei Cassar Bonaci kien ghaddej minn hemm u gibed l-attenzjoni tal-imputat biex jiccaqlaq minn fejn kien. Il-pulizija baqa' sejjer u x'hin rega' ghadda minn hemm u ra li l-imputat ma kienx iccaqlaq rega' mar ikellmu fejn kien skambjat diskors bejniethom. Qieghed ikun allegat li l-imputat qal xi kliem zejjed u telaq minn fuq il-post. Il-pulizija saq ghal wara l-imputat, xeghel is-serena u biex iwaqqfu naqqas l-i*speed* u waqaf quddiem il-vettura misjuqa mill-imputat. F'dan il-hin kien hemm impatt bejn il-vettura tal-imputat u l-mutur misjuq minn PC1289 Andrei Cassar Bonaci. Bi *speed* baxx, hu rnexxielu jieqaf immedjatament u laqat bi zbrixx il-mutur tal-kuntistabbli. Ftit sekondi wara, meta PC 1289 Andrei Cassar Bonaci nizel minn fuq il-mutur u, meta pprova jaghmlu fuq l-i*stand*, tilef il-bilanc u l-istess mutur waqa' fuqu.

Jirrizulta car mill-filmat li l-mutur ma waqax minhabba l-impatt de minimis izda minhabba l-manuvri li ghamel il-kuntistabbli wara li nizel minn fuq il-mutur.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

**Preliminari**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-

prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid

u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilita u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u l-Artikoli ndikati mill-Avukat Generali u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija**

**v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-

verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**

**Art 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – Rezistenza bi vjolenza**

Din il-Qorti giet mistiedna mid-difiza sabiex tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza ikkontemplata taht l-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali billi l-fattispecje ma jipprospettax fl-artikolu 96. Il-Prosekuzzjoni ma akkuzatx lill-imputat b'dak li jipprovdi l-artikolu 95.

Ma hemmx dubju illi whud mill-ingredjenti mehtiega biex jinhmew iz-zewg reati huma identici[1]. Dan ghaliex dawn ir-reati iridu

[1] Ara Appell Nru 599/2015 **Pulizija vs Florinel Nitu** moghtija mill-Imhallef Edwina Grima

necessarjament jigu kommessi fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku. Hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1)filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dan il-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dan billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu:

> "*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma jkunx gie kommess fil-waqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dan ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussisti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir fil-waqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Fis-sentenza Il-**Pulizija vs Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

> "*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "<u>tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti</u>".*

Illi l-Qorti qed tossottolinja din l-ahhar parti ta' dan it-taghlim gurisprudenzjali billi huwa kkontestat jekk l-incident meta l-pulizija involut u cioe' l-PC 1289 Andrei Cassar Bonaci giex aggredit mill-imputat u jekk il-kuntistabbli kienx qieghed jagixxi*"ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skont il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

Issa jidher li l-ufficjal tal-pulizija li kien mar hemmhekk ghal skopijiet ta' infurzar ta' regolamenti tat-traffiku ghaliex l-imputat kien ipparkjat hazin u li ma kienx obda dak li qallu qabel il-kuntistabbli biex ma jibqax fejn kien ipparkjat. Ma jidhirx madanakollu illi f'dak il-mument huwa kien qieghed jipprocedi ghall-arrest tal-imputat.

Il-Qorti rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fid-decizjoni Il-**Pulizija vs Lawrence Attard** deciza fit-12 ta' Settembru 1996 li din il-Qorti sejra terga' taghmel referenza ghal dak imghallem hemmhekk:

> *"Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa ikun certament qieghed jezegwixxi il-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi 'ghall-esekuzzjoni tal-ligi' fis-sens tal-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens tal-artikolu 95."*

Kwindi l-pulizija ipprocedew ghall-arrest tal-imputat mhux minhabba l-fatt marbuta mal-kaz li kien ipparkjat hazin u telaq minn fuq il-post,

izda ghaliex kien allegat li aggredixxa lill-pulizija billi saq fuq il-mutur tal-kuntistabbli meta dan mar quddiem biex iwaqqfu milli jkompli sejjer.

Illi mid-deskrizzjoni ta' dan ix-xenarju kif imfisser mill-kuntistabbli stess, ghalkemm l-imsemmi ufficjal kien qieghed jaqdi d-dmir tieghu billi jigbed l-attenzjoni tal-imputat dwar nuqqas li ma obdiex ordni tal-pulizija minhabba ksur tar-regolamenti tat-traffiku, l-incident fejn l-imputat laqat b'mod hafif il-mutur tal-kuntistabbli ma jistax jinghad illi l-kuntistabbli f'dan il-hin qasir kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' xi ordni moghtija skont il-ligi minn xi awtorita'. Fl-ebda hin ma jidher illi huwa kien ser jipprocedi ghall-arrest tieghu, izda semplicement kien qieghed jaqdi s-setgha tieghu bhala pulizija li jharrek lill-imputat fuq nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku.

Il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ikkommetta r-reati mnissla minn ingurji jew theddid kontra ufficjali pubblici jew offizi fuq il-persuna taghhom. Il-kwistjoni legali hawnhekk hija jekk b'tali azzjonijiet l-imputat irrendiex ruhu hati tar-reat ta' attakk jew rezistenza bi vjolenza kontra l-Pulizija.

Wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha nonche' l-gurisprudenza applikabbli ghall-istess[2], thoss li l-estremi ta' dan ir-reat imnissel mill-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali ma jezistux f'dan il-kaz.

[2] Il-Qorti rat it-taghlim li hareg f'dawn is-sentenzi: Il-Pulizija v. Alfred Agius [11.11.1976], Il-Pulizija v. Joseph Brincat et. [05.07.1982], Il-Pulizija v. Stacey Chircop et. [05.03.2008], Il-Maesta' Taghna r-Regina v. Carmelo Buhagiar [22.03.1974], Il-Pulizija v. Carmelo Mallia [11.11.1976] u il-Pulizija v. Roderick Farrugia [26.04.2007].

Dan ghar-ragunijiet segwenti. Ghalkemm huwa minnu li limputat telaq minn fuq il-post u huwa minnu wkoll li f'mument minnhom PC 1289 Andrei Cassar Bonaci wegga' hafif, minn imkien ma jirrizulta li l-imputat hebb ghalih jew attakkah.

Il-kwistjoni legali hija – l-imputat wettaq attakk fuq il-Pulizija jew telaq minn fuq il-post biex jirrezisti arrest ghaliex ma kienx obda ordni li nghatatlu?

Skont l-Gharef Imhallef William Harding fil-kaz "Il-**Pulizija vs John Mallia**" deciz nhar il-21 ta' Mejju 1960 : -

> *Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.*

Mill-fattispecje ta' dan il-kaz jidher illi tezisti ir-reita taht l-artikolu 95, izda mhux taht l-artikolu 96 billi kif inghad wiehed mill-elementi necessarji sabiex tinstab htija ghal dan ir-reat huwa nieqes.

Din il-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi indikati fin-Nota ta' Rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata.

Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Id-decizjoni fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

Oltre dan, fil-kaz odjern, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tikkunsidra n-nuqqas tal-Avukat Generali milli jindika Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala *lapsus calami* u kwindi l-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati taht l-Artikolu 95 stante li dan ma jirrizultax mill-ebda Artikolu kwotat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

**Artikoli 41 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – Tentattiv ta' offiza gravi**

L-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' PC 1289 Andrei Cassar Bonaci. Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. *"Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."* (ara sentenza Il-**Pulizija vs Emanuel Zammit** deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dan it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid:

> ***"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.[3]"***

Izda mbaghad izid:

> ***"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still***

[3] Notes on Criminal Law

*remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."*

Illi wkoll f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-**Repubblika vs Domenic Briffa** deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

> "**Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu** *Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I* (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) jghid f'pagna 79:
>
> "***Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un***

***trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravissima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."***

U kkonkludiet:

*"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu <u>l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi</u> jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika*

*li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravissima fit-tieni lok."*

Illi maghmul dina l-esposizzjoni legali, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-fattispecje ta' dan il-kaz bil-ghan li jigi stabbilit jekk f'dan il-kaz tistax tirrizulta htija ghat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat. Illi kif diga nghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravissima l-prosekuzzjoni jinhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq PC 1289 Andrei Cassar Bonaci.

Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax li l-prosekuzzjoni ma kinitx kapaci tiddistingwi bejn dak li effettivament irrizulta mill-provi u l-kongetturi maghmula minnha stess. Fir-rigward ta' dan ir-reat il-prosekuzzjoni ghamlet diversi kongetturi dwar il-piz tal-mutur misjuq minn PC 1289 Andrei Cassar Bonaci, ic-centru tal-gravità u d-dinamika ta' kif gheleb il-mutur. Hawn qeghdin f'awla fejn il-Qorti trid timxi skond ir-regoli tal-procedura u tal-evidenza u mhux fuq xi set tal-gbid ta' xi film pollizjesk fejn il-kuntistabbli ghamel manuvra perikoluza u assolutament mhux necessarja u, peress li ma huwiex *stuntman di professione*, ma rnexxielux jikkontrolla l-mutur bil-konsegwenza li spicca sofra feriti hfief. Il-Qorti trid tistrieh fuq il-provi u mhux fuq l-immaginazzjoni tal-partijiet.

Il-Qorti ma tista' qatt tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-imputat kellu l-intenzjoni specifika illi jikkaguna xi ferita gravi fuq PC 1289 Andrei Cassar Bonaci. Provi dwar dan fl-atti ma hemmx.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

**Art. 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – ferita ta' natura hafifa**

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fejn intqal:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant tal-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Il-prosekuzzjoni pprezentat certifikat mediku (*a fol.* 26) tal-process fejn Dr. Maria R. Borg tac-Centru tas-Sahha tal-Florianaccertifikat li l-kuntistabbli Andrei Cassar Bonaci kien qieghed isofri minn griehi hfief.

Id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tipproduci lit-tabiba Borg biex tikkonferma c-certifikat li rrilaxxat bil-gurament. Il-kuntistabbli kellu *superficial abrasion* fil-*lower leg* tax-xellug u wgigh fl-ghaksa tax-xellug.

Dawn il-feriti hfief gew probabilment ikkawzati mill-waqa' tal-mutur. Jirrizulta mill-filmat li l-mutur ma waqax minhabba l-impatt izda minhabba l-mod kif gie *handled* mill-kuntistabbli wara l-manuvra tieghu.

Tajjeb li jigi mfakkar li fis-sentenza il-**Pulizija vs Emanuel Zammit** (30.03.1998), intqal li ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Din l-intenzjoni hija manifestament nieqsa.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-imputat lanqas ma jista' jinstab hati ta' din l-imputazzjoni in kwantu l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu, naqas milli jsemmi l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat – l-artikolu 214 tal-Kodici Kriminali. Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Mark Meli** (03.11.2014), l-artikolu 214 tal-Kodici Kriminali huwa l-artikolu li jikkontempla r-reat ta' offiza fuq il-persuna. L-artikoli sussegwenti – fosthom l-artikolu 221 indikat mill-Avukat Generali – imbaghad jiddistingwu ghall-finijiet ta' piena bejn offiza gravi, offiza gravissima u offiza hafifa.

**<u>Ir-raba' imputazzjoni</u>**

**Art 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta – Sewqan bla kont, traskurat u perikoluz**

L-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jistabilixxi li:

*"Kull min - (a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle; jew (b) iġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenza meħtieġa biex issuq vettura bil-mutur jew vettura oħra, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu."*

Il-legislatur ma jaghtix definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi sewqan bla kont, traskurat jew perikoluz. Allura jispetta lill-gudikant li jaghti l-interpretazzjoni tieghu u jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas tal-legislatur.

Ta' ghajnuna f'dan ir-rigward hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997 (Riportata f'Volum LXXXI.iv.57) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Il-Qorti kienet irriteniet li:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta'*

*esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

***Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain,** Appell Kriminali, 21/5/96)".*

Il-kwistjoni jekk sewqan jistax jigi klassifikat bhala negligenti, bla kont jew perikoluz hija kwistjoni purament ta' *"degree"*.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Gellel**, deciza fid-19 ta' Frar 2004 intqal li:

*"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App.* ***Krim. Pul. Vs Charles Bartolo,*** *14.3.59,* ***Pol. vs Wilson [Vol.*** *XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs Alfred Vella*** *[Vol. XLIV,* ***p.*** *933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App.* ***Krim. Pul. vs Hardingham,*** *19.10.1963)."*

*Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina,*** *20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi l-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet : **Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino**, deciza fil-15 ta' Jannar 1997 qalet illi:

*".... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabblita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-*

*istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti."* (ara wkoll il-kawza : **Amadeo Mea vs Carmelo Vella** (Appell Civili, 24 ta' Jannar 1966).

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali kif preseduta fis-sentenza taghha: **Pulizija vs Clayton James Fenech**, deciza fit-23 ta' Mejju 2016 (Kaz. Nru. 1041/2011) qalet:

> *"f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah 'esprit de voiture'. U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat ... hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin."*

Ma jirrizultax mill-atti li l-imputat saq il-vettura b'mod perikoluz. Anzi jirrizulta proprju l-oppost mill-filmat esibit fl-atti processwali. Li kieku l-imputat ma kienx qed isuq bil-galbu, PC 1289 Andrei Cassar Bonaci kien iwegga' serjament konsegwenza tal-manuvra li huwa ghamel sabiex iwaqqaf lill-imputat. Il-kuntistabbli jghid li l-imputat ipprova

jrossu ma' hajt.  Dan ma jirrizultax mill-filmat.  Meta l-kuntistabbli dahal quddiem il-vettura misjuqa mill-imputat, ma kien hemm ebda manuvra perikoluza da parti tal-istess imputat li setghet b'xi mod tipperikolah.

**Il-hames (5) Imputazzjoni –**

**Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**:

Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat naqas li jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-ufficjal tal-Pulizija.   Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li l-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet pruvata.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni**

**Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**:

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li ghamel hsara volontarja fuq il-mutur tal-Pulizija.  Il-Qorti semghet u rat is-CCTV kif l-imputat laqat il-mutur meta l-kuntistabbli waqaf f'salt quddiemu.

L-Ufficjal Prosekutur Pisani ezebixxa dokument in sostenn ta' din il-hsara kagunata fuq il-mutur in kwistjoni, liema hsara tammonta ghal elf, mija u erbgha u tmenin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1184.28), liema dokument jinsab *a fol.* 27.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fl-24 ta' Frar 2003 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joseph Zahra**, fejn gew elenkati l-metodi kif jista' jigi determinat il-valur ta' hsarat.  F'dik is-sentenza ntqal hekk:

> *"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fl-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."*

Dan id-dokument ma giex ikkonfermat minn persuna li tipprovdi l-*ispare parts*, la min hejja l-istima u lanqas il-prosekuzzjoni ma talbet li jinhatar espert mill-Qorti biex ikun jista' jasal ghall-valur tad-danni sofferti.

Illi m'hemmx dubju ghalhekk li s-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u ghalhekk l-imputat mhux ser jinstab hati taghha.

**<u>Is-Seba' (7), tmien (8), disa' (9), ghaxar (10) u l-hdax (11) –il imputazzjoni</u>**

**Regolament 84 tal-LS 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta**
**Regolament 22(3) tal-LS65.11 tal-Ligijiet ta' Malta**
**Regolament 124 tal-LS65.11 tal-Ligijiet ta' Malta**
**Regolament 74 tal-LS65.11 u dispozizzjoni 14 tat-tieni skeda ta' Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta**
**Dispozizzjoni 12 tat-tieni skeda tal-Kap 65 u regolament 2 tal-LS65.13 tal-Ligijiet ta' Malta**

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni minnufih li dispozizzjoni 12 tat-tieni skeda tal-Kap 65 jitkellem dwar "*taghbija ta' passiggieri zejda*" li mkien f'dawn

il-proceduri ma ngabu provi dwar dan. Tigbed l-attenzjoni wkoll li regolament 22(3) tal-LS65.11 kien revokat bl-AL476 tal-2004 u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija dwar regolament li kien revokat. Il-Qorti mhix issib lill-imputat hati tat-tmien (8) u l-hdax (11) imputazzjoni ghaliex id-disposizzjoni 12 tat-Tieni Skeda tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta ma tezistix.

Rigward is-seba' (7), id-disa' (9) u l-ghaxar (10) imputazzjoni l-Qorti qeghda ssib lill-imputat hati taghhom. Ghal kull wahda minn dawn l-imputazzjonijiet il-Qorti tista' twahhal ammenda sa tmienja u hamsin ewro (€58).

**<u>L-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali</u>**

L-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali jghidilna min ghandu jitqies bhala recidiv. L-effetti tar-recidiva huma dawk imsemmija fl-artikolu 50 tal-istess Kodici, liema disposizzjoni ma gietx citata mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

Is-sentenza ezebita mill-prosekuzzjoni ghall-finijiet tar-recidiva (*a fol.* 102 u 103 tal-atti processwali) tirrisali ghas-17 ta' Ottubru, 2008, u cioè ghal iktar minn hames snin qabel l-imputazzjonijiet meritu tal-kawza in dizamina. Ghalhekk l-imputat qieghed jigi lliberat minn dan l-addebitu.

**Ir-rwol tal-Magistratura**

Il-Qorti zammet quddiem ghajnejja dawn il-hsibijiet lill-Magistratura[4] waqt li kienet qeghda taghrbel x'tghid il-ligi u tiddeciedi dwar l-ingredjenti tar-reati involuti:

*Id-dmir fdat f'idejkom b'servizz lin-Nazzjon għandu bħala għan tiegħu t-tħaddim tajjeb ta' qasam vitali tal-ħajja soċjali. Għalhekk nixtieq nesprimi l-istima u l-inkuraġġiment tiegħi għall-ħidma tagħkom u lejn dawk kollha li huma impenjati f'dan il-qasam b'kuxjenza retta u b'sens qawwi ta' responsabbiltà ġuridika u ċivika.*

*Nixtieq nieqaf fuq aspett etiku li l-uffiċċju tal-maġistrat jinkarna fih. F'kull pajjiż in-normi ġuridiċi għandhom l-għan li jħarsu l-libertà u l-indipendenza tal-maġistrat, biex jista' jwettaq bil-garanziji meħtieġa x-xogħol importanti u delikat tiegħu. Dan lilkom iqegħidkom f'pożizzjoni ta' importanza partikulari, biex twieġbu b'mod adegwat għall-inkarigu li s-soċjetà tafdalkom, biex timxu b'imparzjalità dejjem inkonfutabbli; biex tiddixxernu b'oġġettività u prudenza u msejsa biss fuq in-norma ġuridika ġusta; u fuq kollox biex twieġbu għal-leħen ta' kuxjenza soda mibnija fuq il-valuri fundamentali. L-indipendenza tal-maġistrat u l-oġġettività tal-ġudizzju li jesprimi, jitolbu applikazzjoni attenta u puntwali tal-liġijiet applikati fil-mument. Iċ-ċertezza tad-dritt u l-bilanċ bejn id-diversi poteri ta' soċjetà demokratika jsibu s-sintesi tagħhom fil-prinċipju tal-legalità, li l-maġistrat ifittex li jħares.*

[4] Diskors lill-Membri tal-Kunsill Superjuri tal-Magistratura minn Papa Frangisku nhar it-Tlieta 17 ta' Gunju 2016

*Mill-ġudikant jiddipendu deċiżjonijiet li mhux biss jinfluwenzaw id-drittijiet u l-beni taċ-ċittadini, imma li jħallu impatt fuq l-istess ħajja tagħhom. Għalhekk, is-suġġett tal-ġudizzju, f'kull livell, għandu jkollu kwalitajiet intellettwali, psikoloġiċi u morali li jagħtu garanzija ta' affidabbiltà għal funzjoni ta' tant importanza. Fost il-kwalitajiet kollha, dik dominanti u, fil-fehma tiegħi, speċifika għall-ġudikant hi l-prudenza. Din m'hix virtù biex ma tiħux azzjoni: "Jien prudenti: ma niħux azzjoni", le! Hi virtù ta' tmexxija, virtù biex tmexxi l-affarijiet 'il quddiem, il-virtù li tgħinek tqis b'serenità r-raġunijiet tad-dritt u tal-fatt li għandhom ikunu fil-qafas ta' kull ġudizzju. Ikollok iżjed prudenza jekk tikseb bilanċ għoli interjuri, li kapaċi jaħkem fuq il-ġibdiet tal-karattru partikulari, il-veduti personali, il-konvinċimenti ideoloġiċi tiegħek.*

*Is-soċjetà ... tistenna ħafna mill-maġistratura, speċjalment fil-kuntest attwali kkaratterizzat, fost l-oħrajn, minn nixfa fil-wirt tal-valuri u mill-evoluzzjoni ta' l-istrutturi demokratiċi. Agħmluh impenn tagħkom li ma tiddeludux dak li leġittimament tistenna minnkom in-nies. Ħabirku biex tkunu dejjem iżjed eżempju ta' moralità integra għas-soċjetà kollha. M'humiex neqsin tagħlim u mudelli ta' valur għoli li minnhom tistgħu titnebbħu. Nixtieq insemmi l-figura ispiranti ta' Vittorio Bachelet, li mexxa l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura fi żminijiet diffiċli qatigħ u spiċċa vittma tal-vjolenza tal-hekk imsejħa "snin taċ-ċomb"; u dik ta' Rosario Livatino, maqtul mill-Mafja, li bħalissa għaddejja l-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu. Huma taw xhieda eżemplari tal-istil li għandu jkollu l-lajk fidil Nisrani: leali lejn l-istituzzjonijiet, miftuħ għad-djalogu, sod u kuraġġjuż fil-ħarsien tal-ġustizzja u d-dinjità tal-bniedem.*

**Tolleranza zero**

Il-Qorti terga' ttenni li l-Pulizija jridu jkunu protetti waqt li jkunu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u hadd m'huwa skuzat – tkun xi tkun ir-raguni – li jhedded lil xi ufficjal tal-Pulizija jew li b'xi mod iweggghu. Ordni tal-Pulizija ghandha tkun obduta mal-ewwel u ghandu jintwera rispett lejn kull uffiċjal dejjem u kullimkien. Dan ir-rispett ghandu jidher b'mod l-aktar ċar u enfatiku f'sitwazzjonijiet fejn tkun dahlet imqar naqra tensjoni.

Il-Qorti qieghda tinnota li fis-socjeta' taghna qieghed ikun hemm aktar okkazzjonijiet fejn persuni m'hux jobdu ordnijiet legittimi tal-pulizija u wisq aktar jattakkawhom fizikament u mhux l-ewwel darba li jkun hemm min isofri griehi anke gravi.

Il-Qorti ma tridx li membri tal-Korp tal-Pulizija jiddemoralizzaw ruhhom minn dan ghaliex mhux dejjem isibu l-appogg mixtieq ghall-hidma taghhom, jekk ma jispiccawx ukoll huma stess mghoddija process popolari ghax iwettqu d-dmirijiet taghhom.

Il-Qorti se terga' tfakkar f'dak osservat mil-Qorti fl-Appell Kriminali[5] : **"Il-Pulizija vs. Mathew Peter O' Toole" [**2.3.06]

> " *Il-Qrati ma jistghux jittrattaw kazijiet bhal dawn fejn ikunu mhedda ufficjali tal-Korp tal-Pulizija, waqt li qed jaqdu dmirijiethom - kultant*

[5] Qorti ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono

*f'sitwazzjonijiet difficli u delikati - b'leggerezza, qisu ma gara xejn, bhallikieku l-Pulizija qieghed hemm biex jigi mzeblah, sfidat, u mhedded.*

*Illi jidher li l-appellant seta' kien taht l-influwenza ta' xorb alkoholiku eccessiv meta pprovoka dan l-incident bla bzonn, pero' dan bl-ebda mod ma jiskuzah.*"

U fl-Appell Kriminali[6] "**Il-Pulizija vs George Grech"** [23.6.05] il-Qorti qalet:

"*Illi l-Qorti terga ttenni f'dak li diga' qalet f'diversi sentenzi li r-reati bhal dawk ammessi mill-appellant fuq membri tal-korp tal-Pulizija waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom ma jistghux jitqiesu leggerment mill-Qrati li ghandhom joffru kull protezzjoni lill-kustodji tal-ordni pubbliku meta jkunu qed jagixxu fiz-zamma tal-ordni taht cirkostanzi mill-aktar difficli u b'riskju kbir ghall-inkolumita' taghhom personali w li ghalhekk f'dawn it-tip ta' reati hija indikata piena karcerarja effettiva kif del resto tiddisponi l-ligi.*"

Imbaghad fl-Appell Kriminali[7] "**Il-Pulizija vs Anthony Roderick Farrugia"** [26.4.2007] din il-Qorti qalet ukoll :-

"*Kif irriteniet din il-Qorti diversi drabi, reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-Pulizija kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu l-protezzjoni*

---

[6] Ibid.
[7] Ibid.

*xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi w ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b'leggerezza w jikkondonaw dak li ma ghandux jigi kondonat b'pieni irrizorji aktar u aktar meta dak li jkun ikun recidiv kif inhu f'dan il-kaz."*

**Illi l-akkuzi odjerni li l-imputat jinsab akkuzat bihom, jikkoncernaw ingurji u theddid fuq ufficcjali pubblici.**

**Il-Pulizija Esekuttiva hija hemm sabiex tipprotegi c-cittadin u m'ghandhiex tigi mqieghda f'sitwazzjoni li tibza tezercita d-dritt taghha li tikkoregi lill-individwu li ma jkunx qed jimxi skond il-ligi.**

**Il-Qorti tinkoragixxi lill-ufficjali tal-Pulizija sabiex jintervjenu kull fejn ikun hemm xi nuqqas ta' terz u dan bl-intendiment li jkun hemm armonija shiha fil-pajjiz.**

Din il-Qorti taqbel u taghmel taghha d-dikjarazzjoni li ghamel il-kollega Magistrat Aaron Bugeja fil-kaz il-**Pulizija vs Jerkin Decelis**, deciza fit-22 ta' Novembru 2013:

*L-imputat kien fid-dmir li, minghajr paroli u xenati zejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu gew moghtija lilu mill-Pulizija …L-ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija lic-cittadin ma humiex hemmhekk biex jigu konstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-ricevent. Qeghdin hemmhekk biex jigu obduti – dejjem u minghajr dewmien, ghalkemm bla pregudizju ghad-dritt ta' dak li jkun li*

*jirreklama wara l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni. Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd tagixxi kif trid u joghgobha minghajr hadd ma jista' jzommha jew irazzanha. Nigu fi stat ta' gungla – l-antitezi tal-ordni mehtiega biex il-hajja socjali tkun tista' tezisti f'armonija relattiva.*

Il-Qorti izda taghmilha cara li mhix lesta li tkun zvijata u incident jinghata dimensjoni differenti tant li johloq allarm bla bzonn fis-socjeta'. Meta jigri kif gara f'dan il-kaz flok simpatija mis-socjeta' lejn il-Korp tal-Pulizija jinholoq sens ta' thassib. Kemm din il-Qorti, kif ukoll l-Qorti li l-imputat originarjament tressaq quddiemha nghataw l-impressjoni li dan kien kaz fejn l-imputat saq fuq il-pulizija. Dan il-fatt gie eventwalment ripetut lill-Magistrat tal-Ghassa meta huwa gie mressaq u kien fattur strumentali biex l-imputat ma jinghatax il-helsien mill-arrest u li kieku din il-Qorti ma kinetx attenta kienet se zzomm lill-imputat gewwa.

Wara li l-imputat talab ghall-helsien mill-arrest quddiem din il-Qorti, l-ufficjal prosekutur oggezzjona u, fost ir-ragunijiet imqajma minnu, kien hemm il-perikolu tal-intralc fil-provi proprju minhabba l-fatt li l-familjari tal-imputat kienu avvicinaw lis-sidien tal-CCTV biex jakkwistaw dan il-filmat[8]. Il-qraba tieghu, ghamlu sewwa li fittxew jakkwistaw xi filmat tal-incident biex juru li din id-dikjarazzjoni ma kienitx veritjiera.

Il-Qorti taghmilha cara li kieku kellha tistrieh **biss** fuq il-provi tal-prosekuzzjoni minghajr il-filmat, l-istampa tal-incident li kienet tohrog kienet tkun wahda kompletament differenti.

---

[8] nota tal-prosekuzzjoni a fol. 53 – punt 6

**Osservazzjonijiet finali**

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax nuqqas ta′ oggettività minn certi osservazzjonijiet li saru fin-nota ta′ sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni. Il-prosekuzzjoni tissottometti li, fl-ewwel parti tal-incident, il-vettura misjuqa mill-imputat kellha serbut twil ta′ vetturi warajha. Il-Qorti tistaqsi – minn fejn jirrizulta dan? Il-prosekuzzjoni tkompli tghid li saru diversi attentati mill-Pulizija sabiex l-esponent jitwaqqaf – fatt li ma jirrizultax mill-atti processwali. Fin-nota taghha l-prosekuzzjoni tissottometti li nies innocenti tpoggew fil-perikolu bla bzonn. Anke hawnhekk l-atti juri mod iehor. Apparti mill-fatt li ma ngabet ebda prova li xi hadd kien fil-perikolu, se mai il-Qorti ghandha tkun preokkupata bil-mod kif tmexxiet din l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kaz inkluz l-involviment tal-ufficju tal-Avukat Generali.

Il-Qorti tinsab dizappuntata bl-ezercizzju tal-Avukat Generali f′dan il-kaz. Minflok ma l-Avukat Generali ghamel uzu mill-poteri vasti moghtija lilu mil-ligi sabiex jezamina u janalizza l-atti processwali bil-ghan li jara x′irrizulta effettivament mill-istruttorja, huwa ghazel it-triq semplici li jikkopja d-disposizzjonijiet indikati fic-citazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva. Din l-osservazzjoni qed issir b′responsabilità in kwantu l-izbalji kollha maghmula mill-Pulizija Ezekuttiva, li ma humiex ftit, gew riprodotti fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju.

Il-prosekuzzjoni tilhaq livelli ta′ pura fantasija meta jinghad li l-vettura misjuqa mill-imputat intuzat bhala arma u cioè *corpus delicti*. Dan il-fatt ma jirrizulta minn imkien.

Il-Qorti tfakkar fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs George Sacco** (11.07.2014), huwa totalment irregolari u inammissibbli li l-partijiet jippruvaw jimlew il-vojt fil-provi permezz ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet fin-noti ta' osservazzjonijiet taghhom li ma ghandhom ebda valur bhala prova.

Il-Qorti tfakkar li s-sottomissjonijiet ghandhom ikunu msejsa fuq il-provi. Il-prosekuzzjoni jidher li ghandha wkoll certa diffikultajiet sabiex tapprezza kif ghandhom isiru l-provi skont ir-regoli tal-procedura u tal-evidenza. Hawnhekk isir appell lid-dirigenti tal-Korp tal-Pulizija li jenfasizzaw aktar fuq it-tahrig tal-ufficjali tal-Korp specjalment fuq il-*basics* tar-regoli tal-procedura.

Il-Qorti ma rrizultaliex dak li sostniet il-Prosekuzzjoni li l-imputat ghandu fedina penali "vjolenta u refrattarja" u li ghandu "karattru perikoluz". Il-prosekuzzjoni ghandha tistrieh biss fuq il-provi. Il-prosekuzzjoni ghanda obbligu li ma tizvijax lill-Qorti.

**Kunsiderazzjonijiet dwar piena**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *il-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-*

*dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[9]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita

[9] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[10] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

[10] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009

Il-Qorti tirreferi ghal dak dikjarat mill-***Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017***:

> *Sentencing can range from a relatively complex task to a relatively straightforward one. At its most difficult, it is a complex balance in which conflicting goals have to be addressed.*
>
> *Section 142*[11] *of the 2003 Act requires every court to have regard to five specified purposes—punishment, reduction of crime, reform and rehabilitation, protection of the public and the making of reparation to those affected by the offence.*[12]

Illi l-opinjoni pubblika hija importanti hafna sabiex ikun hemm demokrazija shiha f'pajjiz. F'pajjizna m'ghandniex Qrati tal-poplu li jiddeciedu l-kawzi fi Triq ir-Repubblika, fuq iz-zuntier tal-knisja jew fil-hwienet tal-merca. Ghandna Qrati li dejjem kienu t-tarka tad-drittijiet ta' dawk kollha li ressqu quddiemhom sabiex titwettaq gustizzja.

Illi tajjeb li gudikant meta jkun qieghed jiddeciedi jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tas-socjeta' ghal dak it-tip ta' reat izda l-gudikant mhux qieghed hemm sabiex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi *blog* fuq l-*internet*

---

[11] Any court dealing with an offender in respect of his offence must have regard to the following purposes of sentencing—

- (a)the punishment of offenders,
- (b)the reduction of crime (including its reduction by deterrence),
- (c)the reform and rehabilitation of offenders,
- (d)the protection of the public, and
- (e)the making of reparation by offenders to persons affected by their offences.

[12] Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017 pg. 1628: 22-1

sabiex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu finalment decizi.

Il-Qorti tinnota dak li qal Lord Diplock fil-kaz **Horrocks vs Lowe**[13] li:

> *"In ordinary life it is rare indeed for people to form their beliefs by a process of logical deduction from facts ascertained by a rigorous search for all available evidence and a judicious assessment of its probative value. In greater or in less degree according to their temperaments, their training, their intelligence, they are swayed by prejudice, rely on intuition instead of reasoning, leap to conclusions on inadequate evidence and fail to recognise the cogency of material which might cast doubt on the validity of the conclusions they reach."*

Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** [14]:

> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."**

[13] Horrocks vs Lowe [1975] A.C. 135, 149
[14] (1974) 60 Cr.App. R. 74.

**DECIDE:**

Il-Qorti ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tas-sitt (6), tat-tmien (8), tal-hdax (11) u tat-tnax (12) il-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah. U wara li rat Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 84, 74 u 124 tal-Ligi Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Carlo Stivala hati tal-hames (5), tas-seba' (7), tad-disa' (9) u tal-ghaxar (10) imputazzjonijiet u wara li rat artikolu 17(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah multa komplessiva ta' mitejn ewro (€200).

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**